Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru 433/2009

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)

vs

Louis Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identità numru 347403L, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fl-20 ta’ Jannar 2009, bil-hsieb li jikkorrompi lil Carmel Camilleri, Spettur tad-Dipartiment tal-VAT, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni huwa baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Il-fatte specie ta’ dan il-kaz jinkwadraw perfettament f’dak li jiddisponi l-Artikolu 120(2) tal-Kap 9 li jghid: “Jekk l-ufficjal jew impjegat pubbliku ma jaghmilx id-delitt il-persuna li tittanta li thajjar lil dan l-ufficjal jew impjegat pubbliku biex jaghmel id-delitt tehel, meta tinstab hatja il-piena ta’ prigunerija minn sitt xhur sa erba’ snin”.

Il-kaz odjern jittratta nuqqas li tinhareg ricevuta fiskali mill-akkuzat fuq xi bejgh ta’ espresso’ u t-tentattiv tieghu li jiskanza tahrika billi joffri soma ta’ flus lill-Ispettur tal-VAT biex dan ma jharrkux.

Ikkonsidrat fuq il-piena fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat u wara li rat l-Artikolu 120(1)(2) tal-Kap 9 li tikkundannah sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u timponi fuqu l-interdizzjoni generali temporanja ghal zmien sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti wissiet lill-akkuzat ir-responsabbilitajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------